MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 282/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera 'The Performing Right Society Limited" ta' Londra**

**vs**

**Crown Hotels Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Jannar, 2003, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u dsatax il-lira Maltin u erba' centezmi (Lm1,219.04) dovuti in kwantu ghal Lm1,060.04 'Royalty' ghal sentejn bil-quddiem u Lm159.00 Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in konnessjoni mal-licenzja 011117 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment 'Crown Hotel', Sliema ghall-perijodu mis-6 ta' Mejju 2001 sal-5 ta' Mejju 2003.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-31 ta' Lulju 2001 u l-31 ta'
Lulju 2002 u bl-imghax kummercjali dovut fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqgjet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-PL Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u dsatax il-lira Maltin u erba' centezmi (Lm1,219.04),bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta'konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------